Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
IAN SPITERI BAILEY**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 1745/2005

**Casapinta Design Group Limited (C-9216)**

**Vs**

**Promax International Limited (C-1752)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-19 ta' Settembru 2005, fejn intalab li s-socjeta` konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tmienja u ghoxrin Liri Maltin u seba` u hamsin centezmu (Lm228.57), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, u bl-ispejjes u bl-imghax kif hemmhekk mitluba.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta` attrici sabiex dik konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi ippruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta` konvenuta naqset u ma deheritx la fis-seduta tat-30 ta' Novembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tmienja u ghoxrin Liri Maltin u seba` u hamsin centezmu (Lm228.57), bl-ispejjes u bl-imghax kif mitluba fl-Avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------